C/2026/1492

9.4.2026

P10_TA(2025)0172

Tiġdid parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri – kandidat LU

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2025 dwar il-ħatra proposta ta' Joëlle Elvinger għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C10-0109/2025 – 2025/0805(NLE))

(Konsultazzjoni)

(C/2026/1492)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0109/2025),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0148/2025),

A. billi, bl-ittra tat-2 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Joëlle Elvinger għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidata proposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidata *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilha;

C. billi dan il-Kumitat imbagħad, fil-15 ta' Lulju 2025, ipproċeda b'seduta ta' smigħ tal-kandidata, li matulha din għamlet stqarrija preliminari, u wara wieġbet għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Joëlle Elvinger għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.